MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 755/2007/1

**Francis u Mary konjugi Camilleri**

**v.**

**Alfred u Doris konjugi Ellul kif ukoll binhom Kevin Ellul**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li pprezentaw l-atturi fit-13 ta’ Lulju 2007, li jaqra hekk:

> “Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-garaxx bl-isem ta’ *“Wigi Garage”* fi Triq l-Arcisqof Gargallo, Gharghur;
>
> “Illi l-intimati abbuzivament u minghajr ebda titolu validu skont il-ligi okkupaw il-garaxx imsemmi sa mill-1 ta’ Settembru 1994 sal-14 ta’ Marzu 2002;
>
> “Illi permezz tas-sentenza fl-ismijiet **Francis u Mary konjugi Camilleri v. Alfred u Doris konjugi Ellul u Kevin Ellul** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-13 ta’ Gunju 2000 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-14 ta’ Jannar 2002 (kopja legali hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A), l-intimati gew ordnati jizgombraw mill-garaxx imsemmi;
>
> “Illi ghalkemm l-intimati effettivament zgombraw, huma naqsu milli jikkumpensaw b’mod xieraq lir-rikorrenti ghall-okkupazzjoni illecita taghhom fl-imsemmija proprjeta`;
>
> “Illi l-intimati, minkejja illi gew interpellati diversi drabi sabiex anke permezz tal-ittra ufficjali datata 6 ta’ Dicembru2005 (kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok. B), u debitament innotifikata, huma baqghu inadempjenti;
>
> “Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti:
>
>> “1. Tiddikjara lill-intimati responsabbli ghall-hlas ta’ kumpens ghall-okkupazzjoni illecita taghhom tal-garaxx bl-isem ta’ *“Wigi Garage”* Triq l-Arcisqof Gargallo fil-Gharghur;

“2. Tiddikjara lill-intimati responsabbli ghall-hlas ta’ kumpens ghall-okkupazzjoni illecita tieghu bl-isem ta’ *“Wigi Garage”* fi Triq l-Arcisqof Gargallo, Gharghur;

“3. Tillikwida l-kumpens ghall-okkupazzjoni illecita kemm tal-*maisonette* kif ukoll tal-garaxx imsemmija, *occorrendo* bil-ghajnuna tal-perit nominandi; u

“4. Tordna lill-intimati jhallsu l-kumpens ghall-okkupazzjoni illecita hekk likwidat.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datata 6 ta’ Dicembru 2005 kif ukoll tal-mandat ta’ sekwestru bin-Numru 972/07 kontra l-intimati, u l-imghax kontra l-istess intimati sad-data tal-pagament effettiv li huwa minn issa ingunti ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

“1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti bid-dekors ta’ hames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

“2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, hekk kif ser jigi ampjament provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk ghandhom jigu michuda.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Bl-ispejjez.”

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Jannar 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

> "**Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin u tgħid li l-azzjoni attriċi ma waqgħetx bil-preskrizzjoni u saret f'waqtha;
>
> "**Tilqa' l-ewwel żewġ talbiet**[1] **attriċi** billi ssib li l-imħarrkin iridu jagħmlu tajjeb b'kumpens lill-atturi għaż-żmien kollu li huma baqgħu jżommu għandhom mingħajr ebda titolu jew jedd il-*garage* bla numru bl-isem ta' "*Wiġi Garage*", fi Triq l-Isqof Gargallo, f'Ħal Għargħur ;
>
> "**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** mressqa mill-imħarrkin bħala m'hux mistħoqqa fil-fatt u lanqas fil-liġi;
>
> "**Tilqa' t-tielet talba attriċi u** tillikwida l-kumpens li l-atturi jistħoqqilhom jirċievu mingħand l-imħarrkin fis-somma ta' sitta u tletin elf u tlitt mitt euro (€ 36,300);
>
> "**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi s-somma hawn fuq likwida bħala kumpens ta' sitta u tletin elf u tlitt mitt euro (€ 36,300), flimkien mal-imgħax legali fuq dik is-somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas efettiv; u
>
> "**Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu wkoll **l-ispejjeż tal-kawża**."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

[1] Fis-sewwa l-ewwel żewġ talbiet huma ripetizzjoni tal-istess talba bl-istess kliem, u, għal kull fini, l-Qorti tqishom bħala talba waħda għall-finijiet ta' tassazzjoni

"Illi din hija azzjoni għall-kundanna tal-imħarrkin biex iħallsu lill-atturi kumpens xieraq minħabba okkupazzjoni bla jedd ta' ġid (remissa) tal-atturi għal żmien sakemm kien nħarġu 'l barra minnu bis-saħħa ta' sentenza tal-qorti;

"Illi l-imħarrkin iwarrbu l-azzjoni billi jgħidu li din waqgħet għaliex hija preskritta, u wkoll għaliex jgħidu li t-talbiet tal-atturi m'huma bl-ebda mod mistħoqqa;

"Illi l-fatti li jirrigwardaw il-każ juru li l-attur u l-imħarrka Doris Ellul huma aħwa. Ħuhom ieħor, Wiġi Camilleri, kien bena remissa fuq art li, b'kuntratt ta' qasma tal-5 ta' Diċembru, 1973 fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef, kienet messet lill-attur. Wiġi żamm il-pussess tal-istess *garage*, li jinsab fi Triq Ġdida fi Triq San Ġwann, f'Ħal Għargħur (illum jisimha Triq l-Isqof Gargallo), iżda meta staqsa lil ħuh l-attur biex ibiegħulu, l-attur ma riedx u talbu jroddulu lura. Meta ġara hekk, Wiġi Camilleri kera l-post lill-imħarrek Kevin Ellul, li jiġi bin l-imħarrkin l-oħrajn. Wiġi ħalla lil ħutu l-attur u l-imħarrka b'werrieta tiegħu[2];

"Illi fl-1996, l-atturi fetħu kawża kontra l-istess imħarrkin biex joħorġuhom 'il barra mill-imsemmi *garage* billi kienu qegħdin iżommuh bla ebda titolu tajjeb fil-liġi. Il-kawża nqatgħet mill-Qorti tal-Appell f'Jannar tal-2002, billi laqgħet it-talba tal-atturi appellati u tat lill-imħarrkin appellanti tliet (3) ġimgħat żmien biex joħorġu mill-post[3];

"Illi wara l-għoti ta' dik is-sentenza, l-imħarrkin baqgħu jżommu l-*garage* sal-14 ta' Marzu tal-2002. Malli l-post reġa' ġie lura f'idejh, l-attur krieh lil wieħed Joe Coleiro – li jgħix fir-Renju Unit – li jħalli ħwejġu fih, u baqa' jżommlu l-istess kera ta' mitejn lira Maltin (Lm 200) fix-xahar[4]. F'Diċembru tal-2005[5], l-atturi bagħtu ittra uffiċjali lill-imħarrkin jitolbuhom jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' kumpens talli żammew bla titolu l-imsemmi post. l-atturi fetħu din il-kawża f'Lulju tal-2007;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ jibda biex jingħad li xogħol il-Qorti f'din il-kawża jrid jinbena fuq il-qagħda legali maħluqa bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija f'Jannar tal-2002. B'riħet dik is-sentenza, li għandha s-saħħa ta' ġudikat bejn il-partijiet, ħareġ li għal medda

[2] Xhieda ta' Doris Ellul 10.6.2010, f'paġ. 56 tal-proċess
[3] Dok "A", f'paġġ. 4 – 9 tal-proċess
[4] Xhieda tal-attur 10.3.2010, f'paġġ. 43 – 7 tal-proċess
[5] Dok "B", f'paġġ. 10 – 2 tal-proċess

ta' snin l-imħarrkin żammew għandhom post li l-attur ma messu qatt ġie mċaħħad minnu. Huwa minnu li l-imħarrka xehdet li kulma kellha kienet iċ-ċavetta tal-post u wriet ukoll li t-tgawdija tiegħu kienet, għal xi żmien, f'idejn wieħed Joseph Scicluna[6]. Iżda jibqa' l-fatt li, b'sentenza tal-Qorti kienet hi u żewġha (u binhom) li nstabu ħatja li kienu baqgħu jżommu l-*garage* tal-attur bla ebda jedd u kien lilhom (u mhux lil Scicluna jew lil xi ħaddieħor) li l-Qorti tal-Appell ordnat li joħorġu mill-post;

"Illi, kif ingħad aktar qabel, l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi b'żewġ eċċezzjonijiet ewlenin: waħda preliminari, u l-oħra fil-mertu. Il-Qorti trid l-ewwel tqis **l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni** liema eċċezzjoni hija waħda li l-liġi trid li tinqata' b'kap għaliha f'sentenza u wkoll għaliex jekk kemm-il darba tintlaqa' l-Qorti ma jkollhiex għalfejn tgħaddi biex tistħarreġ il-mertu tal-azzjoni attriċi;

"Illi fil-każ tal-lum, l-imħarrkin iqanqlu l-preskrizzjoni tal-ħames snin skond l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Huma jgħidu li l-jedd tal-atturi li jfittxuhom għall-ħlas ta' kumpens intemm ladarba għaddew aktar minn ħames snin minn dak inhar li l-Qorti tal-Appell tat is-sentenza tagħha li biha żgumbrat lill-imħarrkin definittivament mill-post. Jidher għalhekk li l-imħarrkin qegħdin, bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, jgħidu li ż-żmien utli għall-atturi beda għaddej mill-14 ta' Jannar, 2002, u peress li l-kawża nfetħet f'Lulju tal-2007, allura laħaq għadda ż-żmien biex l-azzjoni setgħet titressaq sewwa;

"Illi kif sewwa issottometta l-għaref difensur tal-imħarrkin waqt it-trattazzjoni tal-każ, fejn issir azzjoni minn sid għall-kumpens minħabba żamma jew okkupazzjoni ta' post minn terzi mingħajr jedd jew titolu, l-azzjoni tista' titressaq biss sa minn dak inhar li tkun inqatgħet il-kawża li tordna l-iżgumbrament tal-istess terzi minn dak il-post. Dan huwa argument loġiku u li jsib l-appoġġ ta' xi deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna f'dan ir-rigward[7]. Daqstant ieħor jidher minnu dak sottomess mill-istess difensur tal-imħarrkin li ż-żmien preskrittiv li jgħodd għal talba għal kumpens wara okkupazzjoni bla titolu huwa dak maħsub fl-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili[8];

"Illi mill-atti tal-kawża joħroġ li wara s-sentenza ta' Jannar tal-2002, l-atturi ressqu talba b'att ġudizzjarju (ittra uffiċjali) f'Diċembru tal-2006. B'dak l-att kien

[6] Ara Dokti "DE1" sa "DE4", f'paġġ. 50 – 3 tal-proċess
[7] Ara, per eżempju, P.A. GV **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja pro et noe vs Said et*** (Kollez. Vol : **LXXXVII.iii.2143**)
[8] Ara P.A. GV **29.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Helen Schembri et vs Anthony George Żahra noe et***

notifikat biss l-imħarrek Kevin Ellul. L-imħarrkin ġenituri tiegħu baqgħu ma laqgħu qatt in-notifika ta' dak l-att. Huwa stabilit li att ġudizzjarju iwaqqaf iż-żmien preskrittiv[9] u hekk tassew ġara fil-każ tal-imħarrek Kevin Ellul. L-għaref difensur tal-imħarrkin ressaq l-argument li ladarba t-talba attriċi hija dwar kumpens li huwa faċilment likwidabbli, ma teżistix solidarjeta' bejn Kevin Ellul u l-ġenituri tiegħu b'mod li l-azzjoni attriċi kontra tagħhom waqgħet darba għal dejjem;

"Illi l-Qorti ma tistax toqgħod fuq dan l-argument. Fl-ewwel lok, in-natura tal-kumpens mitlub mill-atturi jitnissel minn imġiba li m'hijiex kreditu pekunjarju, iżda hija għamil li ikkawża danni lill-atturi, liema dannu għad irid ikun likwidat. Fit-tieni lok, il-Qorti jidhrilha li, f'każ bħal dan, fejn it-tliet imħarrkin ilkoll instabu minn Qorti bħala persuni responsabbli għaż-żamma bla jedd jew titolu tal-*garage* mertu tal-każ, u fejn is-sehem ta' kull wieħed u waħda minnhom f'dawn il-ġrajja ma jidhirx li jista' jkun stabilit, allura kull wieħed u waħda minnhom jidħlu responsabbli biex jagħmlu tajjeb għal dik il-ħsara li wettqu, mqar jekk ma mxewx b'ħażen[10]. Fit-tielet lok, ladarba b'għamilhom ħalqu s-solidarjeta' tar-responsabbilta' lejn is-sid, il-ksur tal-preskrizzjoni dwar wieħed minnhom minħabba l-ittra uffiċjali, jikser ukoll il-preskrizzjoni fil-konfront tal-oħrajn ukoll[11];

"Illi, minħabba dawn ir-raġunjiet, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni m'hijiex tajba u m'hijiex sejra tilqagħha;

"Illi jifdal li l-Qorti tistħarreġ **il-kwestjoni tal-kumpens għall-okkupazzjoni** għaż-żmien li matulu l-imħarrkin qegħdin jitqiesu li baqgħu jżommu bla jedd il-*garage* tal-atturi. Huwa aċċettat li min jokkupa jew iżomm għandu ġid ta' ħaddieħor bla jedd, irid jagħmel tajjeb għad-danni li jġib b'għamilu[12];

"Illi tajjeb li jingħad li d-danni li jistgħu jinkwadraw ruħhom taħt din il-kawżali huma dawk imnissla bil-fatt waħdu tal-okkupazzjoni tal-fond li baqgħet sejra għal medda ta' żmien sakemm il-kwestjoni nqatgħet darba għal dejjem b'sentenza tal-Qorti tal-Appell. Dan iż-żmien dam bejn l-1994 u l-2002, jiġifieri madwar tmien (8) snin. F'dan ir-rigward, l-atturi qabbdu perit *ex parte* li ħareġ stima tal-potenzjal lokatizju tal-post għal kull sena li l-*garage* baqa' jinżamm bla

[9] Art. 2128 tal-Kap 16
[10] Art. 1050(1) tal-Kap 16
[11] Art. 1100 Kap 16
[12] P.A. PS **27.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Gera de' Petri vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.iii.105**)

mistħoqq mill-imħarrkin[13]. Jirriżulta li, hekk kif l-atturi ngħataw lura ċ-ċwievet tal-post, krewh b'somma ta' madwar erba' mija u sitta u sittin euro (€ 466) fix-xahar lil wieħed Joseph Coleiro, liema kera baqa' sal-lum ma nbidilx;

"Illi l-għaref avukat tal-imħarrkin iressaq l-argument li l-attur kien igawdi fattwalment il-post u li l-imħarrkin kellhom biss iċ-ċavetta tiegħu, u għalhekk l-attur kien mistenni li jnaqqas id-dannu minnu mġarab billi jikri l-post lil terzi. Jista' jkun minnu li, f'xi żmien l-attur kien f'qagħda li jippretendi li min kien qiegħed fil-post jgħaddilu ċ-ċavetta u kif ukoll li fl-istess post seta' kellu xi affarijiet li kienu ħwejġu[14]; jista' jkun ukoll li minkejja li kellha ċ-ċavetta, l-imħarrka ma kinitx tużah il-post. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li hija u binha żammew iċ-ċavetta tal-*garage* kien biżżejjed biex l-atturi ma kellhomx it-tgawdija ta' ħwejjiġhom u kien biss bis-saħħa ta' sentenza ta' qorti li dik it-tgawdija ngħatatilhom lura;

"Illi hu aċċettat li sid ta' post li ħaddieħor ikun qiegħed iżomm għandu bla jedd ikun jista' jitlob kumpens għaż-żmien li l-ġid tiegħu kien baqa' hekk miżmum minn ħaddieħor, liema kumpens jista' jitqabbel mal-kera li sata' jirċievi kieku l-post kien effettivament mikri[15]. Iżda dan m'huwiex il-kriterju waħdieni[16]. F'qasam bħal dan, irid ikun hemm "rabta reali" mal-ammont ta' kumpens mistħoqq u żgur m'hemmx lok għal spekulazzjonijiet dwar x'sata' ġara mill-post jew kemm kien ikun il-kera xieraq bil-prezz li jġib is-suq;

"Illi meta l-Qorti tqis id-daqs tal-post, u meta tqis li l-attur seħħlu jikrih kważi minnufih minn meta reġa' ngħata ċ-ċwievet tiegħu[17], ma tkunx ħaġa barra minn hawn li tagħżel li toqgħod fuq l-istima magħmula mill-perit *ex parte*, li, għall-finijiet tal-liġi u minħabba l-ħila magħrufa tiegħu f'dan ir-rigward, hija ammissibbli bħala prova tajba[18]. Meta wieħed jaħdem iż-żmien effettiv li l-atturi baqgħu mċaħħdin minn ħwejjiġhom, u jkejlu mal-kera raġonevoli li l-istess atturi kien jistgħu jippretendu li jdaħħlu mill-post, dan l-ammont ta' kumpens jitla' għal sitta u tletin elf u tlitt mitt euro (€ 36,300) għaż-żmien kollu rilevanti;

"Illi dan huwa l-ammont li l-Qorti qiegħda tillikwida għall-finijiet tat-tielet talba attriċi;"

[13] Dok "Ċ", f'paġ. 17 tal-proċess
[14] Xhieda tal-imħarrka 10.6.2010, f'paġġ. 61 – 4 tal-proċess
[15] P.A. TM **28.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***John Galea et vs Raymond Falzon et***
[16] P.A. AJM **2.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmen Camilleri et vs Joseph Bellizzi***
[17] Xhieda tiegħu 10.3.2010 f'paġ. 46 tal-proċess
[18] Art. 563A(1) tal-Kap 12

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:

> "... ... thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-esponenti appellanti tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-atturi appellati."

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:

> "... ... tikkonferma s-sentenza appellata moghtija nhar il-25 ta' Jannar 2011, u ghalhekk tichad l-appell tal-appellanti bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-istess appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi fil-qosor jirrizulta li b'sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Jannar 2002, il-konvenuti gew ordnati sabiex fi zmien tliet gimghat jizgumbraw minn *garage* li kienu qed jokkupaw bla titolu. Il-konvenuti baqghu jzommu l-post sal-14 ta'

Marzu 2002, u l-atturi qed jitolbu kumpens ghall-okkupazzjoni talli zammew bla titolu l-imsemmi post. Il-konvenuti ressqu eccezzjoni preliminari, dik ta' preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Din giet michuda mill-ewwel Qorti wara li osservat li ghalkemm bejn is-sentenza ta' din il-Qorti ta' Jannar 2002, u l-ftuh ta' din il-kawza f'Lulju tal-2007, ghaddew il-hames snin preskritti fl-imsemmi artikolu, f'Dicembru tal-2005, l-atturi baghtu ittra ufficjali lill-konvenuti. B'dan l-att gie notifikat biss il-konvenut Kevin Ellul, pero`, l-ewwel Qorti qalet li bejn il-konvenuti hemm is-solidarjeta`, u kwindi l-ksur tal-preskrizzjoni dwar wiehed minnhom, jikser ukoll il-preskrizzjoni fil-konfront tal-ohrajn ukoll. Fuq il-meritu, l-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici, billi iffisat kumpens a bazi ta' stima maghmula mill-perit ex parti imqabbad mill-atturi.

Il-konvenuti appellaw mis-sentenza u ressqu aggravji fil-kuntest tas-solidarjeta` li sabet l-ewwel Qorti u kontra l-likwidazzjoni ta' kumpens fil-meritu.

Trattat l-appell, din il-Qorti tirribadixxi illi azzjoni ghall-hlas ta' kumpens wara okkupazzjoni bla titolu hija wahda kuntrattwali, u l-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' hames snin, fit-termini tal-Artikolu 2156(f), li jibda jiddekorri mid-data li l-ammont ta' hsara jkun determinat, jigifieri mat-tluq tal-persuni mill-fond okkupat illegalment (ara **Schembri et v. Zahra noe** deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Settembru 2012 u **Montanaro Gauci v. Rapa**, deciza minn din il-Qorti

fit-28 ta' Frar 2014). F'dan il-kaz, id-*dies a quo* huwa l-14 ta' Marzu 2002, bit-terminu ta' hames snin jitqies li ghadda peress illi din il-kawza saret fit-13 ta' Lulju 2007.

Jirrizulta f'dan il-kaz, pero`, li fis-6 ta' Dicembru 2005 l-atturi baghtu ittra ufficjali li ghandha effett li tinterrompi l-preskrizzjoni fil-konfront ta' Kevin Ellul, peress li lilu biss giet notifikata. L-ewwel Qorti sabet li l-interruzzjoni tolqot ukoll il-konvenuti l-ohra peress illi hemm is-solidarjeta`. Din il-Qorti taqbel ma' din il-konkluzjoni. Meta jkun kaz fejn responsabbli ghar-rizarciment tad-danni kuntrattwali jkunu aktar minn persuna wahda u ma tkunx tista' ssir l-ispartizzjoni tal-istess responsabbilta`, l-obbligu ghall-hlas tad-danni, huwa solidali. Meta ma tistax tigi identifikata l-parti li kull wiehed mid-debitur ikun responsabbli ghaliha, ilkoll jahtu b'mod solidali ghall-akkadut – ara **Cini v. Galea et** deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru 1958, u **Abela v. Bonnici**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Jannar 1958. Hu minnu li bhala regola, 'il hafna debituri responsabbli ghal hlas ta' somma flus, huma responsabbli kull wiehed ghal sehemhom mid-debitu, pero`, meta d-danni, avolja kuntrattwali, jkunu responsabbli ghalihom diversi debituri, u l-partecipazzjoni ta' kull wiehed ma jkunx jista' jigi stabbilit, allura r-responsabbilta` hija solidali.

Fil-kuntest tal-ilment fil-meritu, hu minnu li kumpens irid jinghata mhux biss ghax tingieb prova tal-valur lokatizzju tal-fond, izda trid issir prova wkoll tal-possibilta` ta' kirjiet tul iz-zmien li ghalih jintalab kumpens; fi kliem iehor, trid issir prova tat-telf tal-kera. F'dan il-kaz si tratta minn *garage* f'Hal Gharghur, fond li fis-suq facli u malajr jinkera. Fil-fatt, jirrizulta li hekk kif l-atturi nghataw ic-cavetta tal-post, krewh b'kera ta' mitejn Lira Maltin (Lm200) madwar erba' mija sitta u sittin Euro (€466) fix-xahar, u hekk baqa jinkera zgur sa ma saret din il-kawza. Mill-provi johrog li ma kien hemm ebda diffikulta` ghall-kera tal-fond u dan ghal tul it-tmien snin li l-konvenut zamm bla jedd l-istess fond.

Il-perit ex parte hareg stima b'valur anqas minn dik attwali, u l-ewwel Qorti bbazat il-kalkoli taghha fuq din l-istima tal-perit ex parte. Din ma tidhirx li hi decizjoni irragonevoli, u fid-dawl tal-prova cara dwar il-vijabilita` tal-*garage* ghall-kera fis-suq, tara li l-kalkolu li ghamlet l-ewwel Qorti huwa korrett.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenuti appellanti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------